KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Seba LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 66 Tnejn 8 ta' Ottubru 2018

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-7:50 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Keith Cassar – Sindku
James Cassar -Viċi Sindku
Angele Rapa – Kunsillier
Karl Tanti – Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier
Mark Micallef Costa – Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Jesmond Gauci-Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Gianluca Busuttil- Kunsillier
Christian Borg – Kunsillier
Mario Sammut – Kunsillier

ASSENTI
Rachel Tua – Kunsillier
Joe Gatt-Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv

Minuti
Is-Sindku Keith Cassar ippresjeda l-laqgħa.

**66.1** Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittri ta' apoloġiji, ta' Christian Borg, Mario Sammut u Gianluca Busuttil. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittri ta' apoloġiji tas-Sur Christian Borg u tas-Sur Mario Sammut. Filwaqt tas-Sur Gianluca Busuttil jrid jiprovdi kopja taċ-ċertifikat tas-*sick*, kif stipulat fir-regoli tal-Kunsill.

66.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 64 u 65

Ref: 64.4.10 – Il-Kunsillier Deguara staqsa jekk kelniex xi risposta dwar in-numerar ta' bibien ta' Triq il-Qalbiena Mostin. Is-Sindku nforma lis-Sur Deguara li x-xogħol jsir wara li jkunu ġew approvati l-minuti, aparti dak li jkun urġenti.
Is-Segretarju Eżekuttiv fakret lis-Sur Deguara li kellu jibgħat *email* lil-uffiċjal tad-dipartiment tad-*door numbering* peress li jafu.

Is-Sur Deguara nforma li għalkemm bgħat *email,* kull ma rċieva huwa risposta awtomatika. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lis-Sur Deguara biex jibgħat kopja tal-email lil uffiċju tal-Kunsill, u fakkret lil membri preżenti, biex meta jieħdu ħsieb, jew jaħdmu fuq affarijiet tal-Kunsill għandom dejjem jikkupjaw lil-Kunsill fil-korrispondenza tagħhom.

**Ref: 64.4.12** – Il-Kunsillier Deguara nforma li qiegħed f'kuntatt mad-delegazzjoni, fejn qed jikkomunika magħhom fuq preparamenti għaż-żjara tagħhom f'April 2019.

**Ref: 64.3.1** – Is-Sindku nforma li laqgħa ma Transport Malta għad ma kellux oħra.

**Ref: 64.3.2** – Is-Sindku nforma li beda l-kuntrattur il-ġdid tal-Parks and Gardens, fejn għandu kuntratt ta' xahrejn sakemm jinħareġ it-tender.

**Ref: 64.3.4** – Is-Sindku nforma li l-Collaboration Agreement ma Heritage Malta ġie ffirmat.

**Ref: 64.3.5** – Is-Sindku nforma li t-tender tal-Christmas Lights issa għalaq u jrid jiġi evalwat.

**Ref: 64.3.6** – Is-Sindku nforma li saret l-*objection,* fejn kopja ntbgħatet lil-Kunsilliera.

**Ref: 64.3.7** – Is-Sindku nforma li din ir-rampa trid issir mil-Kunsill biex ma nibqawx intawlu, għalkemm kienet saret mil-ADT, u l-ilment daħal 14 il-sena wara min-propretarju ġdid, fejn is-sid preċedenti ma kienx juża l-garaxx.

**Ref: 64.4.2** – Is-Sindku nforma li dwar il-proġett tal-Public Toilets il-Kunsill applika din il-ġimgħa mal-Planning Authority, u ħa titwaħħal bord bid-dettalji tal-proġett għal-informazzjoni tal-pubbliku. Din il-bord ħa titpoġġa viċin it-*toilets* ta' l-irġiel, man-naħa ta' triq il-Kostituzzjoni.

**Ref: 64.4.3** – Is-Sindku nforma li dwar il-proġetti ta' l-isqaqien, għad irridu nirċievu BOQ mingħand il-WSC.

**Ref: 64.4.4** – Is-Sindku nforma li fuq il-problema ta' traffiku madwar il-PAMA, qed jistenna laqgħa ma Transport Malta.

**Ref: 64.4.5** – Is-Sindku nforma dwar it-tappieri ta' triq il-Paroċċa nħarġet il-*works order*.

**Ref: 64.4.8** – Il-Sindku nforma li madwar ir-roundabout tal-Musrun m'hemx traffic lights imma pelican lights li mhux jixgħelu, biex nirrapurtaw lil Transport Malta.

**Ref: 64.4.11** – Il-Kunsillier Deguara nforma li din il-ħarġa kienet ta' suċċess wkoll, fejn attendew rekord ta' 110 persuna.

**Ref: 64.4.13** – Il-Kunsilliera Tanti u Bonnici talbu biex fil-futur ninfurmaw lil-applikanti biex il-permess jibda jitwaħħal mas-sit, fejn jkunu qed jsiru ix-xogħolijiet.

**Ref: 64.5.2** – Il-Sindku nforma li l-proġett ta' *luminaires* huwa approvat, u qed nistennew appuntament mil-Planning Authority biex niffirmaw il-kuntratt.

**Ref: 64.5.5.2** – Il-Sindku nforma li t-tender ta' Street Sweeping għalaq u jrid jiġi evalwat malajr kemm jista jkun, għax il-kuntrattur kurrenti għandu biss sa l-aħħar ta' Ottubru.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 64 u 65.

66.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza

66.3.1 Korrispondenza – Planning Application 08398/18

Is-Sindku nforma li residenta talbet biex il-Kunsill joġġezzjona għat-talba ta' garaxx ezistenti li jintuża minn *mechanic,* fejn dan issa applika biex jinbidel l'użu, u jkollu makkinarju ta' *5A hydraulic machinery repair workshop.*

Iż-żona hija residenzjali, u s-Sindku nforma li ħa jitlob lil Perit tal-Kunsill biex jara jekk din l-applikazzjoni hijiex konformi mal-local plan. Jekk ma jkunx konformi mal-local plan, kif dejjem għamel il-Kunsill joġġezjona fuq din il-kriterja.

66.3.2 Kommunikazzjoni – Ftehim dwar Ġbir ta' Skart Riċiklabbli

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil-membri preżenti, illi għalkemm intbgħatu bosta *reminders* lil GreenMT biex jiġi ffirmat il-kuntratt, kważi sena wara għadna bla risposta, u għalhekk ingħata ġimgħa ċans biex niltaqaw għal-iffirmar tal-Kuntratt.

Id-*deadline* biex il-GreenMT jirregolarizza ruħu ijja sal-Ħamis 10 ta' Ottubru 2018, wara din id-data jekk nibqaw bla risposta, ħa tinħareġ sejħa oħra bl-EPPS.

66.3.3 Korrispondenza – Leon Promotions

Is-Sindku nforma lil-membri li rċevejna korrispondenza fuq attivitajiet li jsiru għaż-żmien tal-Milied mil-kumpanija Leon Promotions. Is-Sindku talab biex tiġi ċċirkulata l-*email* għal-kummenti tal-Kunsilliera.

66.3.4 Kommunikazzjoni – Bukket Fjuri

Is-Sindku nforma li ntbgħat bukket fjuri lil-eks Kunsillier l-Onor. Alex Muscat għat-twelid tat-tifla, u bagħat ir-ringrazzjamenti lil-Kunsilliera u lis-staff.

66.3.5 Kommunikazzjoni – Ċerimonja Qalbiena Mostin

Is-Sindku nforma li fl-4 ta' Novembru bħas-snin ta' qabel jiġi ċċelebrat Jum il-Qalbiena Mostin, u s-Sindku talab biex jkun hemm iktar Kunsilliera li jattendu għal din iċ-ċerimonja.

66.3.6 Kommunikazzjoni – Mosta Mustang Car Show

Is-Sindku nforma li l-Ħadd 7 ta' Ottubru sar l-avveniment il-Mosta Mustang Car Show, li ġiet organizzata fi żmien 4 t'ijiem, fejn kien hawn madwar 20 karozza. Issa qed naħdmu biex jsir avveniment ieħor ta' esibizzjoni ta' trukkijiet.

66.3.7 Kommunikazzjoni – Mosta Solidali

Is-Sindku nforma li l-Kunsillier Deguara diġa beda jaħdem fuq il-gazetta li jmiss, u talab biex min ħa jikteb ma jdumx ma jgħaddi l-informazzjoni lil Kunsillier Deguara. Il-gazetta ta' Mosta Solidali ħa tiġi mqassma f'nofs Diċembru, u għalhekk jrid jkun kollox lest sa nofs Novembru.

Is-Sindku nforma wkoll li l-iktar servizz effiċenti kien dak ta' l-iscouts bħala tqassim tal-gazetta, u jiswa madwar 30 Ewro iktar, mis-servizz ta' tqassim tal-Maltpost.

66.3.8 Kommunikazzjoni – Toroq Ġodda
Is-Sindku nforma li l-Gvern fi *press release*, nforma li ħa jsiru t-toroq; Triq Is-Snajja, Triq il-Qares, Dawret il-Wied u Triq il-Waqqafa.

66.3.9 Korrispondenza – Tintinnabru
Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lil membri preżenti, li bħala Kunsill donazzjonijiet ma nistawx nagħmlu, pero' peress li r-Rotunda tal-Mosta qed tiċċelebra t-titlu ta' Bażilika, ħasset li din it-tifkira hija xi daqxejn differenti u speċjali, u mhux donazzjoni ġenerika.
Għalhekk is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil-membri li fitxett fid-dettal il-liġi biex tikkonferma, imma għalkemm din hija okkażjoni mhux tas-soltu xorta l-Kunsill ma jistax jgħati l-ebda tifkira, għalkemm din hija waħda ta' natura unika.

Is-Sindku talab biex nistaqsu lid-Direttur tal-Gvern Lokali, biex jikjarfika, jekk il-Kunsill jixtieq li jgħamel irħama li tiswa 5,000 Ewro biex jiġi mfakkar avveniment, kumparat jekk il-Kunsill jgħati xi ħaġa lil xi ħadd milli jużaħħa, li tkun qed tfakkar l-istess avveniment.

66.3.10 Korrispondenza – Capital Projects July 2018 Update
Is-Sindku nforma li l-lift ġie ċċertifikat, kif wkoll nbdilet il-parti ta' wara fi ħġieġa kif kienet oriġinarjament.
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ħa ssir tabella fil-lift b'informazjoni għal-kull sular, kif wkoll tabelli oħra li hemm bżonn jsiru fiċ-ċentru ċiviku, u oħra għax-xelter.

66.3.11 Korrispondenza – Accumulation of Leave
Il-Kunsilliera qablu biex il-*leave* akkumulat ta' 82 siegħa tas-Segretarju Eżekuttiv jkun *carried forward* għal-2019.

66.3.12 Korrispondenza – Malta Virtual Tourist
Is-Sindku nforma li irċevejna korrispondenza ta' website app fejn jkunu reklamati lokalitajiet u avvenimenti. Biex il-lokalita tal-Mosta tkun reklamata fuq din l-app, Facebook u web portal, tiswa 360 Ewro fis-sena. Il-Kunsilliera talbu iktar nformazzjoni peress li d-dettalji li ngħataw mhux informattivi biżżejjed.

66.3.13 Kommunikazzjoni – KLMT02/2018- Road Maintenance, Major Patching works of access and access only roads and ancillary works
Il-Sindku nforma li għat-tender ta' Road Maintenance ħadd ma applika u tinħareġ is-sejħa. Din ir-raġuni tista tkun li peress li l-Gvern Lokali qed jgħamel xogħolijiet ta' toroq, il-kuntratturi jidher li jippreferu jitfaw tender għal-proġetti kbar milli dawk żgħar tal-Kunsilli. Din hija problema li qed jaffaċċaw Kunsilli oħra, inkluz ir-Reġjun fejn wkoll ħareġ tender u ħadd m'applika.

66.3.14 Kommunikazzjoni - Librerija
Is-Sindku nforma la sar rinnovament fil-librerija, fejn sar il-*parquet* kif wkoll xi xkaffi ġodda.

66.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri
66.4.1 Tabella
Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li hemm bżonn tinbidel it-tabella Triq Dawret il-Wied peress li ċċarat.

### 66.4.2 Traffic Lights

Il-Kunsillier Deguara staqsa biex nitolbu lil Transport Malta għal-traffic lights biex il-pubbliku jkun jista jaqsam it-triq fejn hemm l-UNO u l-Fitwell fi Triq il-Kostituzzjoni.

### 66.4.3 Siġra

Il-Kunsillier Deguara nforma li siġra mħawla ġo dar residenzjali fi Triq Dawret il-Wied ma' Triq il-Battaljun tant kibret, li qed tostakola l-bankina kif wkoll id-dawl tat-triq. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li konna bgħatna ittra lir-resident biex jiżbor is-siġra, pero' s-siġra għada kif inhi u kibret iktar.
Il-membri preżenti qablu li din tinżabar mil-kuntrattur tal-Kunsill.

### 66.4.4 Ġnien Kevin Vella

Il-Kunsilliera Rapa staqsiet f'hiex wasal il-proġett ta' Ġnien Kevin Vella. Is-Sindku nforma li l-Perit Charles Buhagiar għadu ma tefax l-applikazzjoni mal-Planning Authority. Il-proġetti relatati mal-PAMA jridu jitlestu sa Mejju 2019, u l-Planning Authority hija ċara li jekk ma jitlestewx, il-PAMA tibda teħel il-multi.

### 66.4.5 Illegal Dumping

Il-Kunsillier Tanti nforma li qed jsir rimi ta' skart illegali fuq art tal-Gvern fi Triq Carmelo Dimech fejn fid-dawra tagħha tagħti għal triq Wied il-Għasel.

### 66.4.6 Traffiku PAMA

Il-Kunsillier Tanti staqsa jekk sarx xi ħaġa dwar it-traffiku li qed jkun hemm ħdejn il-PAMA. Is-Sindku nforma li għad ma kellux laqgħa ma Transport Malta, u talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex issejjaħ *meeting*.

### 66.4.7 Ilmenti

Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li bgħatet *email* bl-ilmenti fis-6 ta' Settembru u fl'10 ta' Settembru reġgħet bgħatet l-istess *email* għax ma rrisponda ħadd. Eventwalment irrispondiet is-Segretarju Eżekuttiv, u mil-lista lment wieħed fadal, fejn fi Triq Vjal Ragusa hemm bżonn li tinkines.

## 66.5 Rapporti

### 66.5.1 Update – Sejħa għall-post ta' Skrivan/a Skala 15

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-bord qabel li l-*interviews* isiru l-Erbgħa 12 ta' Settembru 2018. Intbagħtet *email* lit-3 applikanti li wrew interess f'din is-sejħa, u 2 mill-appikanti infurmawna b'*email* li mhumiex interessati aktar. Sar l-*interview* lill-applikant wieħed, u wara intabgħtet *email* fejn infurmajnieħ li ġie aċċettat, pero' l-applikant irrisponda lura fejn infurmana li m'għadux interessat. Għalhekk ktibna lil Jobs Plus sabiex ninfurmawhom u nfurmawna li ser jibagħtulna lista ta' nies li qegħdin jirreġistraw fil-part 2. Il-Lista ircevejniha, u hemm 2 applikanti li għandhom ċans jibagħtu CV tagħhom sat-12 ta' Ottubru 2018.

### 66.5.2 Ħarġa tal-Kunsill

Il-Kunsillier Deguara nforma li l-ħarġa li jmiss hija żjara għand Magro Brothers f'Għawdex, fl-24 ta' Ottubru, u l-postijiet huma limitati għal 50 ruħ.

### 66.5.3 Rendikont Jum il-Mosta u Qaragħasel 2018

Is-Sindku ta' rendikont finanzjarju u dawwar mal-mejda rapport ta' l-ispejjes li ntefqu, fejn il-Kunsill kien ibbaġitja 12,000 Ewro għal festa Qargħasel, il-membri ġew nfurmati fl-laqgħa tal-Kunsill li l-ispejjes kienu ser jiżdiedu peres li kien hemm spejjes marbutin mal-grupp Airport Impressions li ma stajniex noħorġu minnhom għax kien hemm il-palk u s-sound marbutin mal-*performance* tagħhom. Finalment l-ispejjes totali kienu ta' 13,800 Ewro, fejn infaqna 2,500 Ewro għal-*marketing*. Il-Kunsillier Deguara nforma li għas-sena d-dieħla nikkonsidraw li Festa Qargħasel tibqa s-Sibt.

Festa Qargħasel kienet ta' suċċess kbir, sia pubbliku li attenda kif wkoll dawk il-bejjiegħa li kellom l-istalls.

Għal Jum ill-Mosta is-sena l-oħra ntefqu 3,400 Ewro, u din is-sena nfaqna 5,900 Ewro, ir-raġuni hija li l-palk sewa 1,000 iktar, u kien hemm is-*sound* u dawl li l-ispiża tagħhom din is-sena kien maqsum fuq iż-żewġ attivitajiet, u mhux pakkett wieħed. *Entertainment* 3,100 Ewro, *fliers* 150 Ewro, u spejjes oħra 2,500 Ewro.

Il-Kunsillier Deguara ssuġerixxa biex għas-sena li jmiss jsir ġewwa biex innaqsu mis-siġġijiet, peress li kwazi mhux dejjem jkunu okkupati kollha, u nispiċċaw b'ammont ta' siġġijiet vojta. Is-Sindku nforma li l'avveniment jsir barra għax it-*target* ta' l-udjenza hija differenti, u bdiet ssir barra għax kienet miftuħa għal-iktar nies u konna irċevejna mal-31 nominazzjoni. U għalhekk d-differenza fl-attendenza hija minħabba skond kemm jkun hemm *awards* li jingħataw, u għalhekk irridu nikkalkulaw aħjar l-ammont ta' siġġijiet.

Il-Kunsillier Deguara nforma li hemm bżonn jiġu riveduti il-proċeduri ta' kif jingħata Ġieħ il-Mosta. Is-Sindku nforma li peress li hemm l-elezjonijiet f'Mejju ta' 2019, u jixtieq jħalli f'idejn il-membri li jkunu telaw għal-Kunsill, biex jikkonsidraw bdil fir-regoli.

### 66.5.4 Memorandumn of Understading -Xelter tal-Pjazza Rotunda

Is-Sindku nforma li dan l-MOU kellu jsir mas-Soċjeta Piroteknika 15 ta' Awissu, pero' wara kien hemm wkoll interess mil-Paroċċa. Ltqajna ma l-għaqdiet u rajna x'*committment* kienu lesti li jkollhom, u l-Paroċċa deher li kienu iktar ċari fil-*committment* li kienu lesti li jgħatu, vis-a-vis dak li ofrew is-Soċjeta Piroteknika 15 ta' Awwissu.

Sar qbil bejn l-għaqdiet li l-Paroċċa tieħu f'ideja ix-xelter, b'kundizzjoni li jekk is-Soċjeta Piroteknika 15 ta' Awissu u għaqdiet oħra jkunu jridu jgħamlu użu minnu f'xi żmien partikolari, bi qbil mal-Paroċċa u mal-Kunsill Lokali dan jkun jista jsir.

Is-Sindku nforma li l-avukat tal-Kunsill iprepara MOU *agreement* u dan ser jiġi ċċirkulat mal-Kunsilliera għal-kummenti tagħhom, qabel ma jiġi ffirmat.

## 66.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni

### 66.6.1 Skeda ta' pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 80.

Il-membri tal-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' pagamenti datata 4 ta' Settembru 2018 sat-8 ta' Ottubru 2018.

**66.6.2 Purchase Orders**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill Il-lista tal-purchase orders.

Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**66.6.3 Works Orders**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-works orders.

Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**66.6.4 Petty Cash**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill Il-lista tal-petty cash.

Il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu Il-listi tal-petty cash li tkopri xahar ta' Settembru 2018.

**66.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fid-9:00 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għad-29 ta' Ottubru 2018 fis-7:30 p.m.

Konfermati llum 8 ta' Ottubru 2018.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Keith Cassar | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |